# VOTUM FECIT GRATIAM ACCEPIT
# Kwadri tal-Wegħdi

**Joseph Zammit**

Meta aħna l-bnedmin inkunu fil-bżonn, erħilna nduru lejn is-sema biex nitolbu l-għajnuna, anke jekk ftit li xejn inkunu tlabna fil-ħajja tagħna. L-antenati tagħna kienu nies li f'kull bżonn tagħhom erħilhom malajr jirrikorru lejn Alla, il-Madonna u l-Qaddisin, u b'xhieda ta' dan, għandna bosta knejjes kbar u żgħar imxerrdin ma' kull rokna ta' Malta, speċjalment is-Santwarji tal-Madonna.

F'dawn is-Santwarji, nsibu bosta oġġetti li jagħtu xhieda ta' grazzji maqluha. Fost dawn l-oġġetti nsibu bosta kwadri ta' dawk li jkunu qalgħu l-grazzja.

Dawn is-Santwarji jinqasmu fi tnejn: hemm dawk li għandhom kwadri minn wieħed sa ftit aktar, bħal fil-knisja tal-Madonna ta' Liesse fil-Belt Valletta, fil-Parroċċa ta' Santa Katarina taż–Żurrieq, fil-knisja tal-Madonna tal-Providenza fis-Siġġiewi, Ta' Loretu fil-Gudja, il-Madonna ta' l-Għar, fir-Rabat ta' Malta, ta' l-Isperanza fil-Mosta, fil-Parroċċa ta' Ħal-Għaxaq, Santu Kristu ta' Ħal-Għaxaq, fil-knisja tal-Ħlas f'Ħal Qormi, u fl-aħħar il-Madonna tal-Minsija, li sa ftit taż–żmien ilu kienet għadha tagħmel magħna, u li l-lum tinsab fil-parroċċa ta' San Ġwann.

Fit-tieni kategorija nsibu dawk is-Santwarji l-iżjed magħrufa, bħal ngħidu aħna l-Oratorju tal-Kurċifiss ta' l-Isla, il-Madonna tad-Dawl fil-limiti ta' Wied il-Għajn, il-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi, il-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, il-Ma-

donna tal-Mellieħa u fl-aħħar u mhux l-anqas is-Santwarju li għandna f'Birkirkara tal-Madonna tal-Ħerba l-aktar wieħed li għandu minn dawn il-kwadri u oġġetti.

Malli tidħol f'dan is-Santwarju, mill-ewwel jolqtuk il-ħitan miksija bil-mijiet ta' kwadri. Dawn il-kwadri huma kollha xhieda ta' grazzji. Madwar mitejn minn dawn huma xhieda ta' grazzji fuq il-baħar, u l-kumpliment ta' mijiet oħra, huma kollha xhieda jew ta' fejqan minn xi mard jew ta' ġrajjiet oħra. Dawn il-kwadri jissejħu Ex Voto, fuqhom naraw erba' ittri V.F.G.A. li jfissru VOTUM FECIT GRATIAM ACCEPIT.

Dawn il-kwadri,fihom kull wieħed storja fejn xi wħud minnhom għandhom pittura vera tajba, għajb li x'uħud minnhom jinsabu fi stat ħażin ħafna li kważi ma jidher xejn minnhom, forsi xi ħadd għad jitħajjar li jagħmel xi studju fuqhom, u jsir restawr u jara li ma jintilifx wieħed minnhom. Dan l-aħħar wieħed Professur Ingliż Dr. A.H.J. Prins, Professur Emeritus ta' l-Antropoloġija fl-Università ta' Groningen, għamlet studju fuq il-kwadri li jitrattaw il-baħar. Meta wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn dan l-istudju, jara kemm hu interessanti.

Il-kollezzjoni tal-kwadri marittimi tiegħu ftit aktar minn żewġ sekli. L-aktar wieħed antik, iġib is-sena 1740, fost il-ħafna bla data, jista' jkun li hemm aktar antiki, wieħed minn kull erba' huwa bla data. Fl-istorja ta' dawn il-kwadri nsibu mdaħħlin bosta pajjiżi li fihom il-Maltin kienu jmorru b'xogħol fuq dawn il-vapuri. Hekk nisimgħu bil-gżira ta' Djerba, Salerno, Marsala, Pantellerija, Livorno, Porto Ferraio, il-gżira ta' Elba, Sardinja, Stromboli, Sqallija, Bizerta, Kandia, Kreta, Tripli, Licastra, Venezja, gżejjer Kerkennah f'Tunes, Capo San Vito, Capo Spartivento, Zante, ir-Russja, Capo Passero, il-Golf ta' Leone Ustica, Irlanda, il-Punent ta' l-Afrika, Lampedusa, l-Alġier, Dardanelli u d-Dalmazja: f'dawn il-pajjiżi li semmejna kien hemm xi Maltin li kienu f'xi xifer ta' xi disgrazzja, ftakru fil-Madonna tal-Ħerba u ġew salvati.



L-aktar kwadru antik li nsibu, jirrakkonta l-għarqa ta l-ixprunara f'maltempata, ftit il-barra mill-Belt Valletta, li ġrat fid-19 ta' Novembru 1740, din l-ixprunara kienet ittajjar il-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Min offra din il-pittura, m'għamilx hekk biex jaqla' xi grazzja, iżda bħala ringrazzjament, għax fil-kitba nsibu li l-grazzja kienet ġa maqluha bl-interċessjoni tal-Madonna li tidher qalb is-sħab fis-sema.

Ġrajja oħra hija ta' bastiment imsejjaħ Tartana. Dawn il-kwalità ta' bastimenti kienu jinbnew f'Malta ukoll sa l-1850. Din it-tartana kien qabadha l-maltemp qrib il-Gżira ta' Djerba. Min kien l-awtur ta' dan il-kwadru jirrakkonta li salva, billi talab lill-Madonna, u billi żamm bi snienu mal-bandiera li baqgħet imwaħħla ma' l-ablu.

Naraw kwadru ieħor ta' Xambekk, jiżfen qalb il-mewġ ftit 'il barra mill-Belt ta' Salerno, fil-25 ta' Novembru 1774. Il-belt u l-Muntanja Vesuvju jidhru fil-ġenb tal-

kwadru. Tidher ukoll ix-xbieha tal-Madonna tħares minn fuq, waqt li wieħed mill-ekwipaġġ jagħmel il-wegħda li jiġi salvat.

Kwadru ieħor jirrakkonta din il-ġrajja. Żewġ kjeriċi Kapuċċini Professi, wieħed Fra Franġisk mill-Birgu, u l-ieħor, Fra Bernard Marija minn Ħal-Luqa, dawn it-tnejn kienu telqu mill-port ta' Marsaxlokk fit-18 t'April 1798. Kien il-Ħamis fit-tmienja ta' filgħodu, fuq l-iskuna Nru. tlieta tal-padrun Franġisk Bezzina. Fil-għaxija l-baħar kien bnazzi żejt. Dawn il-Kapuċċini kienu sejrin Katanja biex minn hemm jitilgħu lejn Ruma biex ikomplu l-istudju tagħhom. Meta tbiegħdu xi tmienja u ħamsin mil minn Malta, għal ħabta tas-siegħa ta' bil-lejl, raw fil-bogħod biċċa tal-gwerra li għamilitilhom żewġ sinjali li dehru u nstemgħu sew fil-ħemda tal-lejl, u billi kien qamar kwinta. Is-sinjal kien wieħed b'tir ta' kanun u l-ieħor b'duħħan. Il-baħrin dawwru l-pruwwa lejn dik in-naħa kontra r-rieda tal-Kaptan. Ftit wara sabu ruħhom assaltati minn qatgħa kursari Torok ta' l-Alġerija, b'kajjik ta' numru tnejn, li kien fih xi 32 ruħ fuqu. Dawn telgħu fuq il-mirkeb fejn kien hemm il-Kapuċċini u bdew jagħtu bix-xwabel u mnanar b'kefrija l-aktar kbira hekk li qerdu ħafna nies.

Lil Fra Bernard u Fra Franġisk Rizzo, neżżgħuhom mill-ilbies reliġjuż u wieħed mill-furbani lagħab daqqa ta' xabla bil-maqlub fuq l-ispalla l-leminija ta' Patri Franġisk, hekk li damet bosta snin tittantah. Kien hemm Tork ieħor li biex jisraq misluta minn widnejn ta' Malti, ried jaqtgħalu widintu barra, waqt li dak l-imsejken Malti beda jgħajjat kemm jiflaħ. Qalb dan l-istorbju resqet frejgata u bdiet tispara l-balal u dawk l-imsejkna bl-għajnuna tal-Madonna tal-Ħerba baqgħu qawwija u sħaħ, u fit-tnejn ta' Frar 1801, ġew meħlusa mill-kiefer jasar tal-furbani Alġerini.

Ġrajja oħra interessanti hija din li se nirrakkontaw u li qed naraw il-kwadru tagħha. Raġel li skappa mill-mewt krudila, meta sħabu kollha ġew maqtula u mikula mis-suwed fuq il-kosta tal-punent ta' l-Afrika, wara li l-vapur tagħhom inkalja f'ħalq ta' xmara fid-29 ta' Marzu 1840, il-bastiment aktarx li kien Brigantin jew xi ħaġa tixbhu. Il-qtil faħxi jidher li kienet id-drawwa predominatvi tan-nies ta' dik l-art. Dak li ħeles minn din il-mewt talab lir-Redentur u lill-Verġni Marija flimkien kif jidhru fil-kwadru.



L-aħħar ġrajja li se nirrakkonta hija ta' dan il-vapur kbir tal-passiġġieri Franċiż li kien se jiġi torpedinat minn submarine Awstrijak jew Ġermaniż. Il-vapuri Ġermaniżi kienu aktar fin-numru u fil-kobor u kienu joperaw minn bażijiet fl-Awstrija fuq il-Kosta Dalmatika. Il-baħar kien kalm u l-għadu kien jidher innoċenti, kien żgħir ħafna ħdejn il-vapu ġgant li ddefenda lilu nnifsu b'suċċess. L-isem tal-vapur kien l-S.S. "Espagne", vapur regulari tal-passiġġieri bejn Spanja, Marsilja u l-Alġerija. X'uħud mill-baħrin kienu Maltin kif tgħid l-istorja: Aħna li hawn taħt iffirmajna isimna, nirringrazzjaw 'il-Madonna tal-Ħerba, għall-grazzja li tatna fil-15 ta' Ġunju 1917, meta fit-tlieta u nofs ta' filgħodu aħna iltqajna ma' submarine, u wara li tħabatna miegħu b'tant sparar, il-Madonna tatna l-grazzja li għarraqnih u ma deherx iżjed, u hekk wasalna Malta qawwijin u sħaħ. L-ismijiet ta' dawk li

offrew dan il-kwadru huma, C. Refalo, E. Borg, F. Borg, A. Borg, A. Grech, S. Sciberras, G. Muscat, C. Dimech, u C. Briffa. Il-bandiera Franċiża tidher tperper fuq quddiem u wara tal-vapur.

Jekk nibqgħu sejrin ma nieqfu qatt minn dawn il-ġrajjiet. Fis-Santwarju Tal-Ħerba nsibu kwadri, aktar milli nsibu fis-Santwarji ta' Malta kollha f'salt. Kif ġa għedna barra kwadri Marittimi nsibu bosta oħrajn fuq kull xorta ta' mard, korrimenti u kull xorta ta' bżonnijiet.

Il-lum il-kwalità tal-kwadri tbiddlet ħafna minn dawk ta' dari u tagħmel kuntrast tajjeb bejn il-qadim u l-ġdid.

Fost il-kwadri moderni rrid nsemmi wieħed li kien mogħti minn xi ħadd, li kien mar il-Belġju biex jara l-partita football bejn il-Juventus u l-Liverpool. Din il-logħba kien ħalliet bosta nies mejta u korruti. F'dak il-ħin kien hemm xi ħadd li ftakar fil-Madonna tal-Ħerba.

Fl-aħħar irrid nappella lill-Karkariżi kollha ta' Malta u dawk li jinsabu barra, biex fil-bżonnijiet tagħhom ma jinsewx li f'belthom Birkirkara ħawn dan is-Santwarju hekk għażiż li dejjem kien il-faraġ ta' min resaq lejh.

**Referenzi:**
Cortis Dun Xand. Tagħrif fuq is-Santwarju tal-Ħerba.
Cuschieri Anastasju. Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba
Mizzi Angelo. L'Apostolato Maltese.
Bonello Vincent. The Madonna in Art.
Prins A.H.J. In Peril on the Sea.